**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru erbgħa w sittin (64) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 24 ta' Awwissu, 2016, fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Michele Farrugia | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku ppresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

2. Il-Minuti tas-seduta preċedenti kienu moqrija punt punt mis-SE u dawn sarulhom il-korrezzjonijiet kollha li xtaqu l-kunsillieri, w ġew approvati b'mod unanimu.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-Sindku u s-SE iltaqgħu mal-uffiċjali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-problema tad-drenaġġ fl-inħawi ta' Triq George Martin u Triq Ġanni Darmanin, fejn qed ikun propost li ssir devjazzjoni tal-medda għal Triq Ħal Kirkop. Dawn ġew infurmati illi din l-ispiża kapitali tlaħħaq mal-miljun ewro.

4. Michel Farrugia irrapporta lampa tat-toroq maħruqa fi Triq Ħal Kirkop kantuniera ma' Triq il-Katakombi.

5. Michel Farrugia irrapporta ħafna skart fil-bidu tal-Isqaq tan-Nar fl-inħawi ta' Kandja. Peress li dan jinsab fil-konfini tas-Siġġiewi, dan ir-rapport se jgħaddi għand l-istess Kunsill.

6. Charlene Zammit semmiet il-proposti tal-*one ways* fi Triq il-Friefet kif ukoll dik proposta fi Triq Ħal Kirkop.

7. Il-KLM se javża lir-residenti ta' Triq Ħal Kirkop illi Transport Malta ma' approvatx is-*sleeping policeman* fi Triq Ħal Kirkop skont l-ittra draftjatha mis-SE.

8. Peress li l-laqgħa mas-Sur Kevin Zahra ta' Transport Malta, ma' mmaterjalizzatx, se ninsitu li niltaqgħu miegħu dwar il-venda li ppropონew li joħolqu fi Triq Karmenu Ciantar, filwaqt li l-KLM qed jipproponi li din issir fi Triq il-Qrendi.

9. Charlene Zammit kellha laqgħa mas-Sur Macarthy dwar il-proposta ta' *Request for Proposal* tat-tisqif tal-ġibjun il-miftuħ u l-bini ta' Ċentru Ċiviku. Hija qalet illi *Projects Malta* talbuna *site plan* li hija talbet lil Perit William Lewis, sabiex ikun stabbilit min għandu titlu fuq l-istess sit.

10. Il-laqgħa proposta mid-Direttur Gvern Lokali saret mas-SE għaliex propju dak in-nhar u dak il-ħin is-Sindku ma setgħetx tattendi għaliex kienet f'laqgħa oħra ma' *Projects Malta*. Dwar din il-laqgħa is-SE qajjem il-punt illi filwaqt li djun esaġerati ma fadalx x'jitħallsu, se nitolbu lill-Accountant jagħmlilna *4 year Cash Flow* biex nibgħatuh lid-Dipartiment, jiġi rranġat il-*Fixed Asset Register*, nippruvaw insolvu l-problema tal-kirja tal-Kunsill billi naraw x'qed nokkupaw area u naraw x'inhi ir-rata tal-Gvern. Dwar dan tal-aħħar, jista' jkun illi, €1165 fis-sena merfugħa għal jekk xi darba nintalbu tal-kirja tal-post, ma jagħmilx sens.

11. Paul Spiteri talab lill-ħaddiema tal-ELC sabiex jiżbru s-siġar ta' quddiem iċ-ċimiterju fuq in-naħa tal-għelieqi. Dawn is-siġar qed idellu ħafna l-għelieqi tal-bdiewa li qed joġġezzjonaw għal dan.

12. Dwar xogħolijiet ta' manutenzjoni, ssemmew il-bankini ordnati għand il-kuntrattur *Elle's Urban Services* biex titwessa' l-bankina fi Triq Valletta u jinbidlu l-kurduniet ta' parti minn bankina fi Triq il-Kileb. Il-kunsillieri semmew ukoll it-tabella li issa inbidlet fuq iz-*zebra crossing* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin ir-*roundabout* tal-Mentna.

13. Il-proposta l-ġdida tal-koordinatur ta' Skola Sajf kienet diskussa u intqal illi issa dawn fadlilhom it-tfal iż-żgħar li jixtiequ jeħduhom jaraw l-Akwarjum ġewwa Buġibba. Kien propost li nipprovdu biss it-trasport lejn Bugibba, mentri se naraw jekk Kunsilli oħra tawhomx għajnuna finanzjarja. Is-SE propju l-bieraħ fetaħ l-Isptar il-Qadim u ta *powerpoint presentation* lit-tfal il-kbar u wkoll kienu milqugħa fl-uffiċċju Muniċipali fejn qed tinżamm din is-seduta. Charlene Zammit ipproponiet lil koordinatur Skola Sajf dawra bit-*trackless train* u jmorru viżita' fuq postijiet storiċi fir-raħal. Fil-fatt għaddejnielhom id-dettalji ta' sid il-ferrovija.

14. Is-SE iltaqa' ma' Ms Mandy Falzon, uffiċjal tal-MEUSAC dwar il-possibilta ta' ġemellaġġ u din qaltlu sabiex il-KLM jiddeċiedi ma' min irid jissieħeb. Is-SE bagħat *e-mail* lill-kunsillieri f'dan is-sens. Se nġibu eżattament il-figura tar-rimbors kemm-il darba l-KLM jitħajjar jagħmel dan il-ġemellaġġ.

15. Inżammet il-laqgħa tal-GAL Xlokk fis-sala tal-Iskola tal-Qrendi għar-rappreżentanti ta' intrapriżi.

16. Se nibgħatu stedina lis-surmast biex ninvolvu aktar it-tfal f'Jum l-Imqabba 2016.

17. Il-ħarġa għal Għawdex se ssir fis-6 ta' Settembru skont kif deher fil-ħarġa tal-fuljett ta' Awwissu.

18. L-accountant tagħna bagħatilna summary tar-Rapport Finanzjarju tat-2ni kwart. Il-KLM approvah b'mod unanimu.

19. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali illum għamel ċelebrazzjoni qasira fil-Ġnien tas-Serenita' Santa Luċija biex jingħataw is-sussidji fuq il-kotba tal-librerija. F'din iċ-ċelebrazzjoni ppreżentawlna il-*letter of commitment* min naħa tal-Ministeru Gvern Lokali biex jinxtraw b'€1200 f'kotba u nħallsu biss €600.

20. Dwar l-iskema l-oħra tar-Restawr, is-Sindku u s-SE kellmu lil Perit William Lewis u dan qabel li l-aktar proposta li kellha portata sostanzjali, kienet dik tar-restawr tal-Kappella taċ-ċimiterju. Għaldaqstant se naħdmu fuq din l-applikazzjoni. Ma' din l-applikazzjoni se naraw jekk nilħqux ningħataw in-*no-objection letter* mill-Kurja biex f'każ li l-applikazzjoni tagħna tiġi magħżula inkunu nistgħu nipproċedu.

21. Il-KLM iddeċieda illi jagħti l-kuntratt tal-iskart isseparat lil *Greenpak Co-op*. Sadanittant il-ġimgħa li għaddiet kellna l-konteni turi tal-iskart ta' quddiem l-iskola mimlijin u għaddejna l-ilment lill-istess koperattiva. Charlene Zammit qalet illi għandna niltaqgħu magħhom malajr kemm jista' jkun għaliex mhux aċċettabbli li n-nies jiġbdulna l-attenzjoni illi l-konteni turi huma *full up*, filwaqt li Greenmt qalulna illi dawn lesti li jbattluhom darbtejn fil-ġimgħa.

22. Charlene Zammit qalet illi kellmet lil Manager ta' *District Operations*, is-Sur Kenneth Cutajar għaliex m'għandniex post ta' erba' ħaddiema, jiġifieri ta' 32 siegħa xogħol kull jum. Hija qalet illi l-issue hija jekk hemmx lok għalihom jew le, ħalli fil-każ jekk niddeċiedu bħala Kunsill li m'għandniex tmien siegħat xogħol għal kull persuna, dawn imorru jaħdmu ma' xi entita' oħra. Michel Farrugia qal li hemm xogħol għal kulħadd jekk dawn iridu jaħdmu, filwaqt li Grace Marie Mallia qalet li dawn iridu jagħtu aktar. Għaldaqstant se nkellmu lil Kenneth Cutajar sabiex isibilhom xi mkien ieħor fejn dawn ikunu bil-kuntratt iffirmat li fih jobbliga lil min iħaddimhom li jikkunsidra jagħtihom *performance bonus*.

23. Għall-ilment li daħal dwar il-bank maqlugħ tal-*bus-shelter* fil-Pjazza tal-Knisja, is-SE qal li skont il-ħaddiema tagħna dan irid jinbidel b'kollox minn Transport Malta, għaliex il-ħaddiema tagħna ma jistgħux jagħmlu mod ieħor.

24. Issemmiet it-talba ta' €14,000 li qed niġu mitluba nirrifondu fuq il-proġett tal-Unjoni Ewropeja li sar fil-leġislatura l-oħra fuq il-Mentna, mill-*Paying Agency*. Se niltaqgħu magħhom biex naraw kif waslu għal dawn il-figuri meta skont il-kalkoli tagħna parti l-kbira minnhom diġa' kienu rifonduti matul is-snin.

25. Charlene Zammit qalet illi minkejja li ktibna lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex isir it-tindif tal-ġibjun, dawn ma jridux jieħdu r-responsabbilita' tiegħu, minkejja li mhux ġust li jidħol għal din l-ispiża l-KLM. Intant Paul Spiteri qal illi d-Dipartiment tas-Saħħa qed jagħmel it-trattament kontra in-nemusa li tikkawża l-mard taz-zika.

26. Il-KLM se jlaqqa' lil kull min kien involut fl-immaniġġjar tat-traffiku fil-festa ta' Santa Marija, għaliex mhux sodisfatt kif tmexxew l-affarijiet. Charlene Zammit tat dettalji x'kien jirrikjedi kemm mill-Pulizija tat-traffiku kif ukoll mill-Gwardjani Lokali. Hija qalet li personalment kienet involuta fl-istess immaniġġjar tat-traffiku biex tonqos il-konġestjoni. Dan għaliex fil-festa ta' Santa Marija kien hawn ħafna nies u l-pulizija ma ħallewx karozzi jidħlu minn Triq Valletta fil-parti fejn hemm is-siġar. Filwaqt li kien osservat illi l-gwardjani lokali lanqas ma kellhom *torch* fuqhom dakinhar, is-Sindku tkellmet mas-SE tal-LESA, filwaqt li Grace Marie Mallia qalet li mhux aċċettabbli illi ma ningħatawx gwardjani kemm irridu sempliċiment għaliex ċemplu ħafna minnhom li kienu ma jifilħux.

27. Grace Marie Mallia irrappurtat id-*Doggy Bin* li hemm fl-isqaq tax-Xantin li niżel 'l isfel u jrid jitranġa filwaqt li tat ukoll *update* finanzjarju li jinkludi flus dovuti lil *Community Chest Fund* fuq il-mawra tal-KLM fi Sqallija. Dawn il-figuri kienu imniżżla wkoll fil-ħarġa tal-fuljett t'Awwissu.

28. Michel Farrugia staqsa jekk jistgħux jiżdiedu l-imwejjed fil-Pjazza tal-Knisja wara talba li kellu mis-Sur Ramon tal-Każin tal-Partit Laburista fejn dawn xtaqu aktar *area*. Intant kien innotat illi r-Remissa Bar ħa aktar *area* għall-imwejjed u s-siġġijiet milli kien indikat fil-permess, tant li ħadd ma seta' jgħadd minn Triq id-Duluri. B'hekk jidher li ma kien hemm l-ebda osservanza mill-awtoritajiet f'dan l-aspett.

29. Kienet approvada ċ-ċedola tal-pagamenti numru 520.

30. Il-laqgħa ntemmet fid-20.40pm u dik li jmiss se ssir nhar it-13 ta' Settembru 2016 fis-6.00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 13.9.2016 minn Dr Charlene Zammit

Segretarju Ezekuttiv | Sindku